MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru 1189/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**vs**
**Carmelo Mifsud**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Carmelo Mifsud iben Annetto u Rose nee' Delia, imwieled Pieta' nhar il-31 ta' Lulju 1973, ta' Maltija u residenti Oriana, Flt 1, Triq il-Knisja, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita' numru 337873(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn l-24 ta' Ottubru 2011 u s-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) F’diversi okkazjonijiet matul il-perjodu ta’ bejn l-24 ta’ Ottubru 2011 u s-snin ta’ qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u diversi proprjetajiet li jappartjenu lil Kennerick-John Micallef numru tal-karta tal-identita’ 535573(M), liema hsara li hija ta’ aktar minn 1164.70€ (Elf mija u sittax-il Euro u sebghin centezmu) saret ghad-dannu ta’ l-istess sid.

b) Fl-istess perjodu u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ oggett u cioe SIM card bin-numru 99294748, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-persuna sar ghad-dannu ta’ Rita Mifsud minn Hal-Qormi;

c) F’diversi okkazjonijiet fl-istess perjodu u cirkostanzi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil persuna ohra, u jew b’mod li kien jaf jew kien missu kien jaf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna;

d) F’bosta okkazjonijiet fl-istess perjodu u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b’mod mhux kif imiss.

e) Fl-istess perjodu u cirkostanzi f’diversi okkazjonijiet bl-imgieba tieghu, holoq biza’ lil Kennerick-John Micallef mill-Birgu li ser tintuza vjolenza kontrih, jew kontra l-persuna jew propjeta’, ta’ dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra kif imsemmija f’artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

f) Fl-istess perjodu u cirkostanzi f’diversi okkazjonijiet b’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista’ ‘l quddiem jiswa bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

g) F'diversi okkazjonijiet, f'dawn il-Gzejjer, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

h) Fl-istess perjodu u cirkostanzi f'diversi okkazjonijiet hedded bi kliem li Kennerick-John Micallef mill-Birgu;

Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Ottubru 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Ottubru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur preciza li l-addebitu tar-recidivia inghata biss ghall finijiet tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 325, 268, 261, 251B, 222(1), 110, 339(1)(b), 49 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------